

Il-Ġurnal Uffiċjali

tal-Unjoni Ewropea

C 64 A



Edizzjoni bil-Malti

Informazzjoni u Avviżi

Volum 53

16 ta' Marzu 2010

Avviż Nru

Werrej

Pàgna

V *Opinjoni*

PROCEDURE AMMINISTRATTIVI

L-Uffiċċju Ewropew għall-Għażla tal-Persunal (EPSO)

2010/C 64 A/01

Avviż ta' kompetizzjoni ġenerali EPSO/AD/177/10 — Amministraturi (AD 5) 1

Prezz: 3 EUR

V

(Opinjoni)

PROĊEDURI AMMINISTRATTIVI

L-UFFIĊĊJU EWROPEW GĦALL-GĦAŻLA TAL-PERSUNAL
(EPSO)

AVVIŻ TA' KOMPETIZZJONI ĠENERALI EPSO/AD/177/10 — AMMINISTRATTURI (AD 5)

(2010/C 64 A/01)

**Interessat f'karriera fl-istituzzjonijiet Ewropej?
Il-profil tiegħek jikkorrispondi mal-kriterji tagħna?
Mela applika
Għati lilek innifsek iċ-ċans li tirnexxi**

L-Uffiċċju Ewropew għall-Għażla tal-Persunal (EPSO) qed jorganizza testijiet ta' dħul kif ukoll kompetizzjoni ġenerali, permezz ta' eżamijiet sabiex tinħoloq lista ta' riżerva għar-reklutaġġ ta' amministratturi (*).

EPSO/AD/177/10 — AMMINISTRATTURI (AD 5)

fl-oqsma li ġejjin:

1. AMMINISTRAZZJONI PUBBLIKA EWROPEA
2. LIĠI
3. EKONOMIJA
4. VERIFIKA
5. TEKNOLOĠIJI TAL-INFORMAZZJONI U TAL-KOMUNIKAZZJONI (ICT)

L-għan ta' din il-kompetizzjoni hu li jitfasslu listi ta' riżerva maħsuba biex jimlew postijiet vakanti fi ħdan l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea.

Qabel tapplika, għandek taqra bir-reqqa il-gwida ppubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali C 57 A tad-9 ta' Marzu 2010 kif ukoll fuq il-websajt tal-EPSO.

Din il-gwida, li tagħmel parti integrali mill-avviż tal-kompetizzjoni, se tgħinek tifhem ir-regoli dwar il-proċedura u l-kundizzjonijiet ta' iskrizzjoni.

(*) F'dan l-avviż kull referenza għal persuna tas-sess maskil tirreferi wkoll għal persuna tas-sess femminil.

WERREJ

- I. QAFAS ĠENERALI
- II. DESKRIZZJONI TAL-FUNZJONIJIET
- III. KUNDIZZJONIJIET TA' AMMISSJONI
- IV. TESTIJIET TA' DĦUL
- V. KOMPETIZZJONI ĠENERALI
- VI. LISTI TA' RIŻERVI
- VII. KIF TAPPLIKA?

I. QAFAS ĠENERALI

1. Numru ta' kandidati magħżula skont il-qasam	1. = 105 2. = 43 3. = 39 4. = 64 5. = 72
2. Kummenti	Int tista' tapplika f'qasam wieħed biss. Din l-għażla għandha ssir fil-ħin tal-iskrizzjoni elettronika u ma tistax tinbidel ladarba tkun invalidajt u b'għatt l-applikazzjoni tiegħek b'mod elettroniku.

II. DESKRIZZJONI TAL-FUNZJONIJIET

AD 5 huwa l-grad li fih il-kandidati magħżula jidħlu f'karriera ta' amministratur fl-Istituzzjonijiet Ewropej. L-amministraturi impjegati f'dan il-grad jistgħu jwettqu taħt superviżjoni, tliet tipi ewlenin ta' xogħol fl-istituzzjonijiet: tfassil tal-politika, twassil operattiv u ġestjoni tar-riżorsi. Aħna qed infittxu partikolarment kandidati b'potenzjal ta' żvilupp fil-karriera.

Deskrizzjoni dettaljata tal-oqsma differenti tinsab fl-anness.

Il-profil ġenerali tal-kandidati m'fittex mill-istituzzjonijiet huwa mfisser fil-punt 1.2 tal-gwida applikabbli għall-kompetizzjonijiet ġenerali.

III. KUNDIZZJONIJIET TA' AMMISSJONI

Fid-data ta' għeluq stabbilita għall-iskrizzjoni elettronika, int għandek tissodisfa dawn il-kundizzjonijiet kollha ġenerali u speċifiċi li ġejjin:

1. Kundizzjonijiet ġenerali

- Tkun ċittadin ta' wieħed mill-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea.
- Tgawdi mid-drittijiet ċivili tiegħek.
- Tkun wettaq kull obbligu impost mil-liġijiet dwar is-servizz militari.
- Tipproduċi r-referenzi tal-karattru xierqa li juru li int tajjeb biex twettaq id-dmirijiet tiegħek.

2. Kundizzjonijiet speċifiċi

2.1	Kwalifiki: ara l-anness
2.2	Esperjenza professjonali L-ebda esperjenza professjonali m'hi meħtieġa.

V. KOMPETIZZJONI ĠENERALI

<p>1. Int se tkun ammess (*) għaċ-ċentru ta' valutazzjoni:</p>	<p>jekk int ⁽¹⁾ tikseb waħda mill-aħjar marki ⁽²⁾ u l-minimu meħtieġ għat-testijiet ta' dħul u jekk, kif iddikjarajt fl-iskrizzjoni elettronika tiegħek, int tissodisfa l-kundizzjonijiet ġenerali u speċifiċi fit-taqsimha III.</p> <p>(*) L-ammissjoni se tkun ikkonfermata bil-kundizzjoni ta' verifikazzjoni ulterjuri tad-dokumenti ta' appoġġ meħmuża mal-fajl ta' iskrizzjoni komplut tiegħek. Id-dokumenti ta' prova tal-kandidati li jissodisfaw il-kundizzjonijiet ta' ammissjoni u li jkunu kisbu l-aħjar marki fl-elementi differenti taċ-ċentru ta' evalwazzjoni se jkunu eżaminati f'ordni dixxendenti sakemm jintlaħaq in-numru tal-kandidati magħżula indikat f'dan l-avviż ta' kompetizzjoni.</p> <p>Id-dokumenti ta' appoġġ tal-kandidati li ġew ikklassifikati taħt dan il-limitu mhux se jkunu eżaminati.</p>
<p>2. Ċentru ta' evalwazzjoni</p>	<p>Int mistieden tipparteċipa f'ċentru ta' evalwazzjoni li se jsir fi Brussell, u li jdum ġurnata. Int se tkun evalwat fuq il-kompetenzi speċifiċi fil-qasam li tkun għażilt kif ukoll dwar dawn il-kompetenzi ġenerali:</p> <ul style="list-style-type: none"> — Analiżi u soluzzjoni tal-problemi — Komunikazzjoni — Provvediment tal-kwalità u tar-riżultati — Tagħlim u żvilupp — Prijoritizzazzjoni u organizzazzjoni — Perseveranza — Ħidma ma' persuni oħra — Tmexxija <p>Dawn il-kompetenzi huma mfissra fid-detall fil-punt 1.2 tal-gwida applikabbli għall-kompetizzjoni ġenerali.</p> <p>Dawn il-kompetenzi se jkunu eżaminati permezz ta' dawn l-elementi:</p> <ol style="list-style-type: none"> a) studju tal-każ fil-qasam magħżul b) eżerċizzju fi grupp c) preżentazzjoni orali d) intervista strutturata
<p>3. Lingwa taċ-ċentru ta' evalwazzjoni</p>	<p>Lingwa 2: (Ġermaniż, Inġliż jew Franċiż)</p> <p>L-għarfien tiegħek tal-lingwa prinċipali tiegħek (lingwa 1) se jkun eżaminat ukoll waqt l-istudju tal-każ (element a).</p>
<p>4. Marki</p>	<p>Minn 0 sa 20 punt għall-kompetenzi speċifiċi tiegħek fil-qasam</p> <p>Minimu meħtieġ: 10 punti</p> <p>Minn 0 sa 10 punti għal kull kompetenza ġenerali</p> <p>Minimu meħtieġ:</p> <ul style="list-style-type: none"> — 3 punti għal kull kompetenza u — 50 punt minn 80 għat-tmien kompetenzi ġenerali kollha

⁽¹⁾ Jekk fil-każ li fl-aħħar post diversi kandidati jkunu kisbu l-istess marka, dawn il-kandidati jkunu ammessi għaċ-ċentru ta' evalwazzjoni.

⁽²⁾ In-numru tal-kandidati ammessi għaċ-ċentru ta' evalwazzjoni jikkorrispondi bejn wieħed u ieħor għal tliet darbiet in-numru tal-kandidati magħżula indikat f'dan l-avviż ta' kompetizzjoni u se jkun ippubblikat fuq il-websajt tal-internet tal-EPSC (www.eu-careers.eu).

VI. LISTI TA' RIŻERVI

1. Kandidati li jiddaħħlu fuq il-lista ta' riżerva	Il-ġurija tikteb ismek fil-lista tar-riżerva jekk int wieħed mill-kandidati ⁽³⁾ li kisbu l-aħjar marki fl-eżamijiet kollha taċ-ċentru ta' evalwazzjoni u l-minimu meħtieġ (ara n-numru tal-kandidati magħżula, taqsima I.1 u jekk, kif iddikjarajt fid-dokumenti ta' appoġġ tiegħek int tissodisfa l-kundizzjonijiet kollha ta' ammissjoni.
2. Klassifika	Il-listi huma stabbiliti skont il-qasam, skont il-grupp ta' mertu (massimu ta' 4) u skont l-ordni alfabetiku f'kull grupp ta' mertu.

VII. KIF TAPPLIKA?

1. Iskrizzjoni elettronika	Int għandek tapplika b'mod elettroniku billi ssegwi l-proċedura indikata fuq il-websajt tal-EPPO. Data ta' għeluq: 15 April 2010 sa 12h (nofsinhar) , ħin ta' Brussell
2. Trażmissjoni tal-fajl ta' applikazzjoni	F'fażi ulterjuri , il-kandidati ammessi għaċ-ċentru ta' evalwazzjoni se jkunu mistiedna jibagħtu fajl ta' iskrizzjoni komplut (applikazzjoni elettronika ffirmata u dokumenti ta' appoġġ). Data ta' għeluq: Id-data ta' għeluq se tkun ikkomunikata fi żmien xieraq permezz tal-kont EPSO tiegħek. Proċedura: ara l-punt 2.2 tal-gwida applikabbli għall-kompetizzjoni ġenerali.

⁽³⁾ Jekk fil-każ li fl-aħħar post diversi kandidati jkunu kisbu l-istess marka, dawn il-kandidati jkunu ammessi għaċ-ċentru ta' evalwazzjoni.

ANNEX

1. AMMINISTRAZZJONI PUBBLIKA EWROPEA**1. Dmirijiet**

L-irwol ġenerali tal-amministraturi fil-qasam tal-Amministrazzjoni Pubblika Ewropea huwa li jsostnu lil dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet fl-implimentazzjoni tal-missjoni tal-istituzzjoni jew l-entità tagħhom.

Id-dmirijiet ewlenin involuti, li jistgħu jvarjaw minn istituzzjoni għal oħra, jinkludu:

- Tfassil, implimentazzjoni, segwitu u kontroll tal-programmi u pjanijiet ta' azzjoni;
- Ġestjoni ta' riżorsi inkluż persunal, finanzi u tagħmir;
- Assistenza lil dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet permezz ta' kontribuzzjonijiet miktuba jew orali;
- Tfassil ta' aġġornamenti ta' analiżi ta' politika;
- Komunikazzjoni esterna kif ukoll rappurtar u komunikazzjoni interna;
- Koordinazzjoni u konsultazzjoni bejn is-servizzi u l-istituzzjonijiet, kif ukoll relazzjonijiet ma' partijiet interessati esterni.

2. Kwalifiki

Għandu jkollok livell ta' edukazzjoni li jikkorrispondi għal studji universitarji konklużi ta' mill-anqas tliet snin iċċertifikati b'diploma.

2. LIĠI**1. Dmirijiet**

L-irwol ġenerali tal-amministraturi fil-qasam tal-liġi huwa li jsostnu lil dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet fl-implimentazzjoni tal-missjoni tal-istituzzjoni jew l-entità tagħhom, jipprovdu konsulenza u pariri legali lill-unitajiet ta' ġestjoni u/jew operattivi fi ħdan id-dipartiment tagħhom, filwaqt li jiżguraw konformità mal-liġi nazzjonali u tal-UE.

Id-dmirijiet ewlenin involuti, li jistgħu jvarjaw minn istituzzjoni għal oħra, jinkludu:

- Assistenza lil dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet permezz ta' kontribuzzjonijiet miktuba jew orali;
- Analiżi legali, riċerka, pariri u assistenza kif ukoll superviżjoni ta' kwistjonijiet legali;
- Tfassil ta' dokumenti legali;
- Rappurtar u komunikazzjoni interna dwar kwistjonijiet legali;
- Koordinazzjoni ma' u konsultazzjoni ta' servizzi oħra dwar kwistjonijiet legali;
- Ġestjoni ta' riżorsi inkluż persunal, finanzi u tagħmir;
- Tfassil, implimentazzjoni, segwitu u kontroll tal-programmi u pjanijiet ta' azzjoni.

2. Kwalifiki

Għandu jkollok livell ta' edukazzjoni li jikkorrispondi għal studji universitarji konklużi ta' mill-anqas tliet snin iċċertifikati b'diploma fil-liġi.

jew

Għandu jkollok livell ta' edukazzjoni li jikkorrispondi għal studji universitarji konklużi ta' mill-anqas tliet snin iċċertifikati b'diploma, kif ukoll kwalifika li permezz tagħha tkun tista' taħdem bħala avukat.

3. EKONOMIJA**1. Dmirijiet**

L-irwol ġenerali tal-amministraturi fil-qasam tal-ekonomija huwa li jsostnu lil dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet fl-implimentazzjoni tal-missjoni tal-istituzzjoni jew entità tagħhom, jipprovdu analiżi ekonomika u/jew statistika meħtieġa għall-bidu, żvilupp, ġestjoni u/jew evalwazzjoni tal-politiki tal-UE.

Id-dmirijiet ewlenin involuti, li jistgħu jvarjaw minn istituzzjoni għal oħra, jinkludu:

- Assistenza lil dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet permezz ta' kontribuzzjonijiet miktuba jew orali;
- Analiżi strateġika tal-politika kif ukoll definizzjoni u twettiq tal-metodi u studji tal-analiżi tal-politika, inkluż b'mod partikolari l-metodi empiriċi fil-qasam tal-ekonomija;
- Komunikazzjoni esterna relatata mal-politika kif ukoll rappurtar u komunikazzjoni interna;
- Relazzjonijiet ma istituzzjonijiet tal-UE u dipartimenti interni oħra kif ukoll relazzjonijiet ma' partijiet interessati esterni;
- Koordinazzjoni ma' u konsultazzjoni ta' servizzi oħra dwar kwistjonijiet ta' politika;
- Valutazzjoni tal-impatt u tar-riskju;
- Tfassil, implimentazzjoni, segwitu u kontroll tal-programmi u pjanijiet ta' azzjoni;
- Ġestjoni ta' riżorsi inkluż persunal, finanzi u tagħmir.

2. Kwalifiki

Għandu jkollok livell ta' edukazzjoni li jikkorrispondi għal studji universitarji konklużi ta' mill-anqas tliet snin iċċertifikati b'diploma fl-ekonomija.

jew

Għandu jkollok livell ta' edukazzjoni li jikkorrispondi għal studji universitarji konklużi ta' mill-anqas tliet snin iċċertifikati b'diploma u kwalifika postgraduatorja fl-ekonomija.

4. VERIFIKA

1. Dmirijiet

L-irwol ġenerali tal-amministraturi fil-qasam tal-verifika huwa li jostnu lil dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet fl-implimentazzjoni tal-missjoni tal-istituzzjoni jew l-entità tagħhom.

F'dan il-grad, huma jaħdmu f'oqsma bħal verifika finanzjarja, tal-prestazzjoni u dik interna. L-awdituri jipprovdu servizzi ta' assigurazzjoni u ta' konsulenza fl-oqsma operattivi kollha tal-Komunitajiet Ewropej bl-għan li jtejbju l-governanza u l-ġestjoni. Dan jista' jinvolvi operazzjonijiet fis-27 Stat Membru kif ukoll f'pajjiżi terzi.

Id-dmirijiet ewlenin involuti, li jistgħu jvarjaw minn istituzzjoni għal oħra, jinkludu:

- Verifika esterna, verifiki finanzjarji kif ukoll eżaminazzjonijiet ta' ġestjoni finanzjarja tajba inkluż implimentazzjoni u rappurtar;
- Kontroll u spezzjonijiet esterni, titjib ta' sistemi ta' kontroll;
- Verifika interna, appoġġ metodoloġiku, konsulenza u taħriġ;
- Koordinazzjoni u konsultazzjoni bejn is-servizzi dwar kwistjonijiet tal-verifika;
- Informazzjoni u konsulenza dwar kwistjonijiet tal-verifika.

2. Kwalifiki

Għandu jkollok livell ta' edukazzjoni li jikkorrispondi għal studji universitarji konklużi ta' mill-anqas tliet snin iċċertifikati b'diploma rilevanti mad-dmirijiet, jew taħriġ professjonali/kwalifika professjonali ta' livell ekwivalenti rilevanti ma' dawk id-dmirijiet.

Jekk jogħġbok kun af li jista' jkollok b'zonn tagħti prova ċara tas-suġġetti studjati sabiex ikun iktar faċli għall-ġurija biex tivvaluta jekk il-kwalifiki humiex rilevanti.

5. TEKNOLOĠIJI TAL-INFORMAZZJONI U TAL-KOMUNIKAZZJONI (ICT)

1. Dmirijiet

L-irwol ġenerali tal-amministraturi fil-qasam tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni huwa li jostnu lil dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet fl-implimentazzjoni tal-missjoni tal-istituzzjoni jew l-entità tagħhom. B'mod partikolari, huma jiddefinixxu, jimplementaw, isegwu u jamministraw l-istrateġija, il-politika, il-proċeduri, is-sistemi/l-infrastrutturi u proġetti tal-ICT. Huma jipprovdu wkoll kompetenza għall-appoġġ tal-IT u l-ġestjoni ta' kuntratti.

Id-dmirijiet ewlenin involuti, li jistgħu jvarjaw minn istituzzjoni għal oħra, jinkludu:

- Ġestjoni tal-proġett u l-proċess;
- Monitoraġġ, analiżi u ġestjoni tal-prodotti u l-proċessi tal-ICT, b'kooperazzjoni mill-qrib mal-partijiet interni u esterni;
- Analiżi u konsulenza teknika, inkluż assistenza lill-persunal tal-proġett;
- Koordinazzjoni u konsultazzjoni bejn is-servizzi;
- Ġestjoni ta' kuntratti u implimentazzjoni tal-baġit;
- Ġestjoni ta' riżorsi inkluż persunal, finanzi u tagħmir.

2. Kwalifiki

Għandu jkollok livell ta' edukazzjoni li jikkorrispondi għal studji universitarji konklużi ta' mill-anqas tliet snin iċċertifikati b'diploma fit-Teknoloġija tal-Infommazzjoni u tal-Komunikazzjoni.

jew

Għandu jkollok livell ta' edukazzjoni li jikkorrispondi għal studji universitarji konklużi ta' mill-anqas tliet snin iċċertifikati b'diploma, u kwalifika postgradwatorja fit-Teknoloġija tal-Infommazzjoni u tal-Komunikazzjoni.

REVIŻJONI TAL-ĠU C A "KOMPETIZZJONI"

Hawn taħt għandek issib il-lista ta' C A ppubblikati matul din is-sena.

Ħlief meta indikat mod ieħor, il-Ġurnali Uffiċjali huma ppubblikati fil-lingwi kollha.

5	(FR)
9	
19	(FR)
23	(DE/ES/PT)
28	
48	
53	
56	
57	
60	
61	(DE/EN/FR)
62	
64	

PREZZ TAL-ABBONAMENT 2010 (mingħajr VAT, inklużi l-ispejjeż tal-posta b'kunsinna normali)

Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, edizzjoni stampata biss	22 lingwa uffiċjali tal-UE	1 100 EUR fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, stampati + CD-ROM annwali	22 lingwa uffiċjali tal-UE	1 200 EUR fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L, edizzjoni stampata biss	22 lingwa uffiċjali tal-UE	770 EUR fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, CD-ROM fix-xahar (kumulattiva)	22 lingwa uffiċjali tal-UE	400 EUR fis-sena
Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S), Swieq Pubbliċi u Appalti, CD-ROM, żewġ edizzjonijiet fil-ġimgħa	multilingwi: 23 lingwa uffiċjali tal-UE	300 EUR fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C – Kompetizzjonijiet	Skont il-lingwa/i tal-Kompetizzjoni	50 EUR fis-sena

L-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, li joħroġ fil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, hu disponibbli f'22 verżjoni lingwistika. Inklużi fih hemm is-serje L (Leġiżlazzjoni) u C (Komunikazzjoni u Informazzjoni).

Kull verżjoni lingwistika jeħtiġilha abbonament separat.

B'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 920/2005, ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali L 156 tat-18 ta' Ġunju 2005, li jistipula li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea mhumiex temporanjament obbligati li jiktbu l-atti kollha bl-Irlandiż u li jippubblikawhom b'din il-lingwa, il-Ġurnali Uffiċjali ppubblikati bl-Irlandiż jinbiegħu apparti.

L-abbonament tas-Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S – Swieq Pubbliċi u Appalti) jiġbor fih it-total tat-23 verżjoni lingwistika uffiċjali f'CD-ROM waħdieni multilingwi.

Fuq rikjesta, l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jaġħti d-dritt li l-abbonat jirċievi diversi annessi tal-Ġurnal Uffiċjali. L-abbonati jiġu mgħarrfa dwar il-ħruġ tal-annessi permezz ta' "Avviż lill-qarrej" inserit f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Il-formati tas-CD-Rom se jinbidlu bil-formati tad-DVD matul l-2010.

Bejgħ u Abbonamenti

Abbonamenti fil-perjodiċi diversi bi ħlas, b'ħalma huwa l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, huma disponibbli mill-uffiċini tal-bejgħ tagħna. Il-lista tal-uffiċini tal-bejgħ hi disponibbli fuq l-internet fl-indirizz li ġej:

http://publications.europa.eu/others/agents/index_mt.htm

EUR-Lex (<http://eur-lex.europa.eu>) joffri aċċess dirett u bla ħlas għal-liġjiet tal-Unjoni Ewropea. Dan is-sit jippermetti li jkun ikkonsultat *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jinkludi wkoll it-Trattati, il-leġiżlazzjoni, il-ġurisprudenza u l-atti preparatorji tal-leġiżlazzjoni.

Biex tkun taf aktar dwar l-Unjoni Ewropea, ikkonsulta: <http://europa.eu>

